

Brussell, 17 ta' Marzu 2025
(OR. en)

7148/25

FIN 311
INST 69
PE-L 12

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru 1-DEC/2025 fit-Taqsima IV - Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea - tal-baġit ġenerali għall-2025 <ul style="list-style-type: none">– <i>Approvazzjoni</i>– <i>Approvazzjoni ta' ittra</i>

1. Fit-3 ta' Marzu 2025, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru 1-DEC/2025, f'konformità mal-Artikoli 31 u 49 tar-Regolament Finanzjarju¹.
2. L-għan ta' din il-proposta huwa t-trasferiment mill-Kapitolu 10 0 (*Approprjazzjonijiet proviżorji*) ta' ammont ta' EUR 1 878 000 għall-Partita 1 2 0 0 (*Remunerazzjonijiet u allowances*) u ammont ta' EUR 623 000 għall-Partita 4 0 0 (*Persunal ieħor u servizzi esterni*).

Fis-6 ta' Frar 2025, il-QĠUE adottat deċiżjoni li tistabilixxi l-allowance għall-Akkomodazzjoni għal xi kategoriji tal-membri tal-persunal tagħha residenti fil-Lussemburgu, abbażi tal-mudell komuni għall-istituzzjonijiet kollha bbażati fil-Lussemburgu. Għalhekk, il-QĠUE tipproponi li jiżdedu l-linji msemmija hawn fuq sabiex jiġi kopert il-flus ta' dik l-allowance għall-Akkomodazzjoni, kif approvat mill-awtorità baġitarja fil-baġit tal-UE għall-2025.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina din il-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Marzu 2025.
 4. Wara l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet propost;
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX għal dak l-għan.
-

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : Il-President tal-Kunsill

lil : Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

kopja: Il-President tal-Parlament Ewropew

Sinjur,

F'konformità mal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-23 ta' Settembru 2024¹, nixtieq ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru 1-DEC/2025 fit-Taqsima IV – Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea - tal-baġit ġenerali għall-2025.

(Formola tal-għeluq).

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).